

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Société de Gestion Industrielle (SGI)

Konvenuta: L-Istat tal-Belġju

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 43 tat-Trattat KE, flimkien ma' l-Artikoli 48 KE u, jekk ikun il-każ, ma' l-Artikolu 12 ta' l-istess Trattat, jipprekludi leġislazzjoni ta' Stat Membru li, b'hal dik in kwistjoni, twassal għal taxxa fuq vantaġġ eċċezzjonali jew mingħajr korrispettiv ta' kumpannija residenti fil-Belġju li tat lil kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, li magħha l-kumpannija Belġjana hija marbuta, direttament jew indirettament, b'relazżjoni ta' interdipendenza, filwaqt li, f'kundizzjonijiet identiċi, ma tistax tiġi imposta taxxa meta dan il-vantaġġ jingħata lil kumpannija oħra stabbilita fil-Belġju, li magħha l-kumpannija Belġjana hija marbuta, direttament jew indirettament, b'relazżjoni ta' interdipendenza?
- 2) L-Artikolu 56 tat-Trattat KE, flimkien ma' l-Artikolu 48 u, jekk ikun il-każ, ma' l-Artikolu 12 KE, jipprekludi leġislazzjoni ta' Stat Membru li, b'hal dik in kwistjoni, twassal għal taxxa fuq vantaġġ eċċezzjonali jew mingħajr korrispettiv ta' kumpannija residenti fil-Belġju li tat lil kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, li magħha l-kumpannija Belġjana hija marbuta, direttament jew indirettament, b'relazżjoni ta' interdipendenza, filwaqt li, f'kundizzjonijiet identiċi, ma tistax tiġi imposta taxxa meta dan il-vantaġġ jingħata lil kumpannija oħra stabbilita fil-Belġju, li magħha l-kumpannija Belġjana hija marbuta, direttament jew indirettament, b'relazżjoni ta' interdipendenza?

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Consiglio di Stato (L-Italja) fil-15 ta' Lulju 2008 — Angelo Grisoli vs Regione Lombardia u Comune di Roccafranca

(Kawża C-315/08)

(2008/C 260/08)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Angelo Grisoli.

Konvenuta: Regione Lombardia.

Domandi preliminari

- 1) il-preżenza ta' spiżerija waħda f'komuni b'popolazzjoni inferjuri għal erbat elef abitant hija kompatibbli ma' l-Artikoli 152 u 153 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea?
- 2) il-fatt li l-ftuħ tat-tieni spiżerija, f'komuni b'popolazzjoni ogħla minn erbat elef abitant, huwa suġġett għal kundizzjonijiet b'hal, fost l-oħrajn, li l-popolazzjoni tkun taqbeż il-parametri b'minn ta' l-inqas ħamsin fil-mija, li d-distanza ma tkunx ta' inqas minn tlett elef metru mill-ispiżerija eżistenti, u li l-preżenza tal-ħtiġijiet partikolari ta' assistenza mill-ispiżeriji għandha tiġi evalwata fl-isfond tal-kundizzjonijiet topografiċi u ta' vijabbiltà kemm mill-entitajiet tas-saħħa (impriżi tas-saħħa lokali), kemm mill-ordni ta' professjonisti lokali jew, f'kull każ, mill-awtoritajiet kompetenti fil-qasam ta' l-organizzazzjoni u l-kontroll tas-servizz ta' spiżerija, huwa kompatibbli ma' l-Artikoli 152 u 153 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea?

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Corte suprema di cassazione (L-Italja) fil-15 ta' Lulju 2008 — Latex srl vs Agenzia delle Entrate, Amministrazione dell'Economia e delle Finanze

(Kawża C-316/08)

(2008/C 260/09)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte Suprema di Cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Latex srl

Konvenuta: Agenzia delle Entrate, Amministrazione dell'Economia e delle Finanze

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 18(4) tas-Sitt Direttiva ⁽¹⁾ għandu, fid-dawl tan-newtralità tal-VAT, jiġi interpretat b'hal li jippermetti lill-Istati Membri li jeskludu kompletament id-dritt għal tnaqqis tat-taxxa, anki fil-perijodu ta' wara s-snin in kwistjoni, u jipprovdu biss għal rifużjoni?
- 2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv, l-Artikolu 18(4) u l-prinċipju ta' l-effettività tal-protezzjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mis-sistema legali Komunitarja għandhom jiġu kkunsidrati b'hal li jimponu l-obbligu li l-Istati Membri għandhom xorta waħda jiggarrantixxu li din ir-rifużjoni ssir fi żmien raġjonevoli?

⁽¹⁾ Direttiva 388/77/KEE, ĠU L 145, p. 1.